# MAESTRO FRANKIE DIACONO



*Il-familja Diacono ilha għal ħafna snin konnessa mal-qasam mużikali ta' pajjiżna. Infatti mmorru lura lejn l-1858 u nsibu lil Orazju Diacono illi jwaqqaf orkestra illi kien jidderiġieha huwa stess, sabiex fl-1861 s-Sur Grezz, kif kien popolarment magħruf, biddel din l-istess orkestra f'banda - il-Banda Beland. It-talenti mużikali ta' Mro. Orazjo Diacono intirtu minn ibnu Carlo, l-famuż kompożitur Żejtuni li t-talenti mużikali tiegħu ġew imfaħħra minn Surmastrijiet u kompożituri famużi barranin. Mro. Carlo Diacono kien ukoll Surmast tal-Banda Beland, il-banda ta' missieru. Preżentament it-talenti mużikali tal-familja Diacono wirithom iben Carlo - Mro. Frankie Diacono. Aktar tagħrif fuq il-karriera mużikali tiegħu u l-influenza li kellu l-famuż missieru fuqu jagħtihom huwa stess f'din l-intervista li huwa kellu mas-Sur C.J. DeBono.*

**M. Surmast, kif ġietek il-ħajra sabiex taqbad il-karriera mużikali?**

Jiena, m'għandniex xi ngħidu kont bħat-tfal l-oħra kollha, immur l-iskola. Dak iż-żmien kont diġà daqsxejn ta' ġuvnott u kont fis-Sesta nattendi s-St. Paul's School. Meta jien ġejt biex nibda l-karriera mużikali, li għażilni għaliha l-papà tiegħi stess, ġara inċident li kellu jkun il-bidu ta' kollox. L-inċident kien dan. Peress illi l-papà tiegħi kien fil-ġurija tat-Teatru Rjal kien irid jattendu għal kull ħaġa li ssir. Sena minnhom ġie pjanista li kien Guido Agosti ta' fama mondjali. Kien hawn l-Istitut tal-Kultura Taljana u kienet iġġibhom hi. Għal dan il-kunċert jien kont mort miegħu però ġara li ma kienx hemm post fil-palk fejn kien hemm hu, allura kelli nsib post ieħor. Fost l-affarijiet li daqq dan il-pjanista kien hemm **Fantasia Impromtu** ta' Chopin li kull pjanista kważi jdoqqha biex juri x'jaf. Jien din il-fantasia kont nismagħha għax kien jistudjaha l-papà tiegħi. Kważi kuljum kien jgħaddiha u allura din tant daħlet f'widnejja, avolja f'dik il-veloċità kollha. Ġara li f'dan il-kunċert smajt nota waħda li ma kienetx bħalma kien jgħaddiha l-papà tiegħi s-soltu. Jien ma tkellimt xejn. Meta morna d-dar imbagħad, għidtlu: "Isma', jew tiżbalja int kuljum jew żbalja dan illum, għaliex jien daqqitli nota waħda biss li ma daqqitx tajjeb f'widnejja." Meta għidtlu hekk qalli illi "mil-lum 'l quddiem inti tista' tibda tistudja l-mużika."

L-inċident kien li l-pjanu żżerżaq naqra waħda u n-nota ħarġet oħra. Qalli b'hekk inti għandek it-talent biex tista' tibda titgħallem. Għalhekk meta dan tlaqt mill-iskola u bdejt nitgħallem it-teorija, pjanu, kuntrapunt eċċ. dejjem s'sintendi għand il-papà tiegħi, sa ma wasal illi wara tlett snin kont lest biex nidderieġi għall-ewwel darba. L-okkażjoni kienet f'ġara katekistika illi kienet issir kull sena fil-knisja ta' San Ġakbu l-belt Valletta. Niftakar illi l-papà tiegħi kien għallimni kantata ta' Gounoud **"Super Flumina Babylonis"**. Kont idderiġejtha naturalment anke fil-preżenza tal-papà tiegħi u niftakar li kont mort tajjeb ħafna. Minn hemm 'l quddiem qalli: "li tista' tkompli bil-karriera għax għandek it-talenti meħtieġa."

**M. Surmast, minbarra d-direzzjoni, inti kkomponejt ukoll diversi xogħolijiet mużikali. X'tikkummenta dwar dan?**

Bħala kompożizzjonijiet minn ta' l-ewwel li għamilt kienet **Tarantella** li biha kont ersaqt f'konkors imniedi dak iż-żmien mir-Rediffusion. Din kienet għal pjanu, żewġ vjolini u vjolinċell. L-ewwel kien ġie s-Surmast Carmelo Pace u jien kont ġejt fit-tieni post. Però ktibt ukoll bosta xogħolijiet oħra. Per eżempju kont ktibt quddiesa kantata ddedikata lil San Ġużepp u kienet saret fil-festa ta' San Ġużepp ir-Rabat. Konna għamilniha bi prova u kienet sabiħa ħafna tant li s-sena ta' wara erġajna

esegwejnieha. Ktibt ukoll "**Preludio in Sol**" li dan kien għall-orkestra u anke ġie maħdum minn xi baned. Insemmi wkoll l-aħħar żewġ kompożizzjonijiet li ktibt u li ndaqqu ġewwa San Ġwann is-sena l-oħra - waħda għal solo u vjolin u l-oħra għal solo u klarinett.

**M. Surmast, ma nistgħux nitkellmu miegħek mingħajr ma nsemmu lill-magħruf papà tiegħek! X'tgħidilna dwar il-kwalitajiet sbieħ tiegħu u x'effett ħalla fuqek?**

Kwalitajiet kellu. Nieħdu per eżempju il-pjanu. Kien pjanista tajjeb mhux li jdoqq is-siltiet diffiċli u ta' studju biss. Kien jippossjedi t-trasport ukoll. Per eżempju, jien niftakar li dwetti minn opri li l-kantanti kienu jsibu n-noti xi ftti akuti hu kien jittrasportahom. Jiġifieri hemm differnza meta tittrasporta bil-pjanu milli titrasporta għal strument. Kwalitajiet oħra kellu wkoll. Kellu per eżempju il-kompożizzjoni. Il-kompożizzjoni proprju ma kien ibati xejn biex jagħmilha. F'kull sena nsibu kwantitajiet kbar ta' kompożizzjonijiet tiegħu. Anke meta per eżempju kiteb "L'Alpino", insibu illi fl-istess żmien għamel ukoll bosta xogħolijiet. Dik prova ta' kemm kien faċli għalih biex jikteb il-mużika. Anki bosta drabi nsibu illi lanqas kien imur fuq il-pjanu biex jikteb. Kien jiktibha fuq l-iskrivanija, ilestieha, imur idoqqha u wara jirranġa xi affarijiet żgħar. Dawn huma uħud mill-kwalitajiet li kien jippossjedi.

**M. Surmast, nerġgħu lura għad-direzzjoni. Liema minn fost il-kompożizzjonijiet tal-papà tiegħek li kellek ix-xorti li tidderieġi l-aktar li tawk sodisfazzjon?**

Kompożizzjonijiet idderiġejt ħafna. Però kien hemm ħafna wkoll li jien ma ddiriġejthomx. Insemmi per eżempju L'ALPINO. Dejjem kienet ix-xewqa tiegħi li nidderiġieha. Meta saret jien kont għadni tifel u ma kont niftkar xejn minnha u għalhekk ridt bilfors li nidderiġieha. Kien żmien ħażin ta' wara l-gwerra. Imma fl-aħħar irnexxieli b'ħafna taħbit u ħadt pjaċir, għax minkejja kollox ħadt sodisfazzjon.
Jien dejjem ridt nisma' dik il-mużika illi kont naraha u nistudjaha, però kont irrid l-okkażjoni biex jiena nkun nista' nismagħha. Okkażjoni oħra kien l-ORATORIO SAN PAOLO li l-papà tiegħi kiteb iżda qatt ma rnexxielu jesegwieh. Jien minn dejjem kont nixtieq li nidderiġieh. Ġiet okkażjoni però biex nagħmel dan, għalkemm mhux kif xtaqt jien. Jien ridt li nisimgħu kollu, però żmien ma kienx hemm għaliex kien limitat u għalhekk ridt li nagħmel Att wieħed. Dan sar fl-Istitut Kattoliku fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju ta' San Pawl. Konna morna tajjeb ħafna u kulħadd ħareġ sodisfatt.
Ix-xewqa tiegħi dejjem hi li dak li hemm miktub jiġi esegwit. Per eżempju hemm ħafna aktar xogħoljiet li jiena ma smajthomx u li ma sibtx l-okkażjoni biex nidderiġiehom. Nsemmi per eżempju il 'CANTICO FRATE SOLE' u t-'TRANSITU SAN ANTONIO'. Dawn jien ftit li xejn naf fuqhom. Ix-xewqa tiegħi hija li dawn inkun nista' nesegwihom. L-akbar sodisfazzjon għalija mhux li nistudjahom biss imma li nista' wkoll nismagħhom.

**M. Surmast, Jekk hawn xi ħaġa illi aħna ż-Żwieten lkoll kburin biha, hija l-mużika tal-papà tiegħek, speċjalment dik tal-festa ta' Santa Katarina. Taħseb li din il-mużika għad fadlilha postha hawn Malta? Taħseb illi aħna ż-Żwieten se nibqgħu nitpaxxew bil-mużika ta' Diacono fil-festa?**

Il-mużika jiddependi jekk jibqax postha jew le mill-gosti ta' dak li jkun. Però il-kompożizzjoni meta tkun sabiħa u magħmula tajjeb kif ukoll imdorrijin biha, diffiċli biex tista' tinqata'. Issa naħseb li ftit huma dawn in-nies li din il-mużika ma togħġobiex, għaliex fil-ħafna knejjes li nidderieġi jien in-nies dejjem iridu jisimgħu xogħolijiet oħra għaliex ikunu qed japprezzaw dak li nkunu qed nesegwixxu. Sakemm in-nies tibqa' tridha din il-kwalità ta' mużika għandha tibqa' tiġi esegwita. Rigward il-mużika tal-festa naħseb li tibqa' għaliex kulħadd jaf il-mużika ta' Diacono xi tfisser għaż-Żwieten ġewwa ż-Żejtun. Jiena naħseb illi postha jekk m'hemmx post ieħor, ġoż-Żejtun żgur li jibqa postha.

**M. Surmast, madwar sena ilu kont idderiġejt programm ta' xogħolijiet tiegħek u tal-papà fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. Dan kien suċċess kbir u dan tixhdu l-attendenza li kien hemm. Hemm maħsuba aktar kunċerti bħal dawn?**

Il-Kunċert li għamilt ġewwa San Ġwann kulħadd jaf li kien suċċess. Jien b'hekk nagħmel kuraġġ u fi ħsiebni illi f'okkażjonijiet oħra jsiru kunċerti bħal dawn. Infatti il-kunċert li jmiss diġà bdejt nipprepara għalih.



Mro. Frank Diacono fl-età ta' 16-il sena, flimkien mal-papà tiegħu, il-magħruf Mro. Carlo Diacono.


LA FAVORITA

Restaurant

Prop. Joe and Phillles Spearino

**TRIQ TAL-GARDIEL**
**M'SCALA**

**TEL: 684113**

*SPECIALIZE IN LOCAL FISH*

**BUHAGIAR'S**

**89 St. Catherine Street,**
**Zejtun**

**LADIES & CHILDREN'S WEAR**